

Il-MPE jtemmu l-miżati għoljin għat-telefonati fl-UE u japprova sistema ta' twissija

- telefonati trans-konfini fi ħdan l-UE limitati għal 19-il ċenteżmu/minuta, 6 ċenteżmi għall-SMSs
- Spetru tar-radju adegwat għall-5G sal-2020
- sistema obbligatorja permezz tal-mobajl li tibgħat twissijiet f'każ ta' emerġenza ("112 bil-kontra")

Regoli ġodda li jillimitaw il-miżati għat-telefonati bejn pajjiżi fl-UE, miżuri favur in-networks tal-5G u l-ħolqien ta' sistema ta' twissija f'każ ta' emerġenzi, ġew ivvutati l-Erbgħa.

Ir-regoli l-ġodda ser joffru konnettività b'veloċità għolja u ser jagħimlu li t-telefonati jkunu aktar abbordabbli.

Ir-regoli offru protezzjoni akbar lill-utenti tas-smartphones, inkluż l-utenti ta' servizzi bbażati fuq l-internet (Skype, WhatsApp, etc.) u jsaħħu l-ħtieġijiet ta' sigurtà, inkluż l-encryption. Ir-regoli jintroduċi d-dritt li numru tat-telefown jinżamm għal xhar wara li kuntratt ikun ġie mwaqqaf u d-dritt għal rimborż tal-kreditu li ma jkunx għadu intuża meta l-kuntratt jiġi mitmum, kif ukoll kumpens fil-każ ta' dewmien jew abbuż meta tkun qed issir bidla minn operatur għal ieħor.

Sistema ta' "112 bil-kontra" ser issir obbligatorja fl-istati membri kollha biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu allertati b'SMS jew app tal-mobajl f'każ ta' emmerġenzo jew diżastru maġġuri fiż-żona fejn ikunu. L-istati membri ser ikollhom 42 xahar biex jistabbilixxu s-sistema wara li tkun daħlet fis-seħħ id-direttiva.

Passi li jmiss

Wara l-approvazzjoni mill-Kunsill, l-istati membri ser ikollhom sentejn biex jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali biex jimplimentaw id-direttiva. Il-limitazzjonijiet fil-prezzijiet ser jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 2019.

Dikjarazzjonijiet minn MPE Maltin

Francis Zammit Dimech (EPP)

"Il-pakket tat-Telekomunikazzjoni għandu l-għan li jnaqqas l-ispejjeż tat-telefonati għal 19-il ċenteżmu u messaġġi għal 6 ċenteżmi. Fl-aħħar mill-aħħar, dan mhux biss jibbenefikaw minnu

I-konsumaturi imma għandu l-potenzjal li jiftaħ il-bibien għal aktar investimenti u fl-aħħar jagħmel konnettività 5g disponibbli fil-pajjiżi Ewropej kollha sal-2020, u b'hekk is-servizzi tat-Telekomunikazzjoni jsiru aktar effiċjenti."

Marlene Mizzi (S&D)

"Il-Parlament Ewropew ivvota biex jitwaqqfu il-kontijiet għoljin għal-telefonati internazzjonali mil-Unjoni. Jiena kburija li bħala kelliema u shadow rapporteur fuq dan ir-rapport leġislattiv ħdimit bla hedha sabiex niffinalizzaw din il-leġiżlazzjoni ewlenja - leġiżlazzjoni li tiprovvdi għal-iktar rati aktar baxxi għal-telefonati minn Stat Membru għal ieħor. Filwaqt li tiprovvdi ukoll għas-sigurta taċ-ċittadin, permezz tal-introduzzjoni ta' sistema ta' twissija ta' emerġenza li tinnotifika ċ-ċittadin f'każ ta' katastrofi. Dawn huma beneficiċċi tanġibbli li ġi-ċittadini tagħna."

Għal aktar informazzjoni

Tappi fil-proċedura (2016/0288(COD))

Tappi fil-proċedura (2016/0286(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Kuntatti

Thomas HAAHR

Press officer

📞 +32 2 284 2976 (BXL)

📞 (+33) 3881 72033 (STR)

📠 +32 470 88 09 87

✉️ thomas.haahr@ep.europa.eu

John SCHRANZ

Press Officer

📞 (+32) 2 28 44264 (BXL)

📞 (+33) 3 881 74076 (STR)

📠 (+32) 498 98 14 02

✉️ john.schranz@europarl.europa.eu



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume DUCH GUILLOT

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000